20 ta' Mejju, 1948

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Loreuzo Casha** *versus* **Rita Portelli et.**

## Promessa ta' Dota — Obligazzjoni Naturali — Ripetizzjoni ta' Indebitu.

*Għalkemm kwalunkwe konvenzjoni matrimonjali hija nulla jekk ma ssirx b'att publiku, anki jekk ma jkollhiex bħala oġġett tagħha beni stabili, il-promessa ta' dota determinata tikkostitwixxi essenzjalment obligazzjoni naturali li fil-liġi tagħna għandha wkoll, għar-rigward tal-bniet, is-sanzjoni tal-liġi ċivili; u għalhekk hemm l-azzjoni ċivili sabiex dik il-promessa ta' dota tiġi eżegwita koerċitivament.*

*Għaldaqstant, min huwa ġudizzjarjament obligat li jeżegwixxi promessa ta' dota determinata jeżegwixxi dik il-promessa għax ikos-*

*su fid-dover naturali li għandu jeffettwaha; u jekk dan huwa jagħmlu mhux bil-forma li trid il-liġi, huwa ma jistax, wara l-eżekuzzjoni volontarja, iraġġa' kollox lura u jirripeti dak li jkun ħallas bħala dota.*

*Għax l-eżekuzzjoni ta' dik il-promessa ma tikkostitwixxix ħlas ta' indebitu, imma adempiment ta' obligazzjoni naturali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta li hu kien r'ed jikkostitwixxi b'dota favur il-konvenuta, in okkażjoni taż-żwieġ tagħha mal-konvenut, il-mobilja, deheb u ħwejjeġ deskritti taħt ħamsa u tletin kapi fin-nota annessa markata Dok. "A", li għadhom jinsabu għand il-konvenut, u sodda tal-kawba li l-konvenut biegħ £6, u inoltri mobilja, fajjenza u bjankerija li ġew distrutti bl-għemil tal-għadu u li għalihom il-konvenuti nkassaw is-somma ta' £100 bħala kumpens mill-War Damage Commission; u li dina l-kostituzzjoni ta' dota hija nulla u ma tistax tirreġġi, lanqas bħala sempliċi donazzjoni in okkażjoni taż-żwieġ favur il-konvenuta, billi ma saretx b'att publiku opportun; talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni, senjatament, okkorrendo, dik illi l-kostituzzjoni tad-dota jew donazzjoni fuq imsemmija hija nulla mħabba d-difett ta' forma, u mogħtijin il-provvedimenti meħtieġa, il-konvenuta u l-konvenut fil-kwalità fuq premessi jkunu kundannati jirrestitwulu l-oġġetti kollha ndikati taħt ħamsa u tletin kapi fin-nota markata dok. "A", minnhom posseduti mingħajr ebda titolu, u jħallsu s-somma ta' £106 li huma nkassaw, inkwantu għal £100 mill-War Damage Commission għall-oġġetti distrutti bl-għemil tal-għadu, u in kwantu għal £6 bħala prezz minnhom inkassat għall-bejgħ ta' sodda tal-kawba, liema somma ta' £106 tirrappreżenta arrikkiment indebitu bi ħwejġu nullament kostitwiti b'dota u donati lill-konvenuta. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-qbid u ta' sekwestru tas-6 ta' Ġunju 1946; u bl-inġunzjoni lill-konvenuti biex jidhru ħalli jissubixxu;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jidher li tliet xhur qabel ma l-konvenuti żżewġu, u ċjoè għal ħabta ta' l-aħħar ta' l-1940 u bidu ta' l-1941, l-attur u missier Rita Portelli kien ta lill-konvenuti xi flus sabiex jarmaw darhom qabel iż-żwieġ. Waqt il-gwerra, u prin-

ċipalment fit-12 ta' Frar 1942, id-dar tagħhom sofriet ħsara bil-ħidma tal-għadu u ġġarrfulhom xi mobbli, li parti kienu minn dawk li tahom il-missier u parti għamlu ħlimkien, u tagħhom ħadu £100 minn għand il-War Damage Commission. In segwitu, għal ħabta ta' Mejju jew Ġunju 1946, il-konvenuti kellhom xi jgħidu bejniethom, u l-konvenut Giuseppe Portelli fetaħ kawża għas-separazzjoni personali kontra l-konvenuta Rita Portelli — kawża li ġiet maqtugħa minn dina l-Qorti fis-16 ta' Diċembru 1947; u l-attur, missier Rita Portelli, bħala risposta għal dik il-kawża, u l-aktar biex jolqot lill-konvenut, mexxa 'l-quddiem il-kawża tal-lum, fejn talab ir-restituzzjoni ta' l-oġġetti kollha ndikati fid-dok. "A", u li ta lilhom, peress li bħala dota dika l-kostituzzjoni li saret bla kuntratt, fil-fehma tiegħu, hija nulla u li ma tistax treġġi bħala sempliċi donazzjoni "propter nuptias" favur il-konvenuta; u dwar il-flus li rċieva mill-War Damage Commission, peress li l-istess jirrappreżentaw indebitu arrikkiment a spejjeż tiegħu in bażi għan-nullità di forma fuq allegata;

Tikkunsidra;

Illi in sostanza l-attur bil-kawża odjerna qiegħed jitlob ir-ripetizzjoni ta' dak li huwa kien ta lill-bintu Rita Portelli bħala liberalità, u lill-konvenut Giuseppe Portelli bħala li kien sejjer ikun żewġha, kif fil-fatt wara l-passaġġ ta' l-oġġetti in kwistjoni sar, sabiex isostni l-piż li jitnissel miż-żwieġ;

Illi m'hemmx bżonn jingħad li bejn pretensjoni ta' ripetizzjoni ta' flus jew oġġetti, li tissupponi neċessarjament pagament effettwat mhux skond il-liġi, imma bażat fuq kawża mhix kuntrarja għall-liġi, u pretensjoni li bniedem għandu jkun tenut għal ħlas in forza ta' rapport ġuridiku li jippresupponi obligazzjoni mhix effettwata skond il-liġi, hemm differenza markata;

Illi dina d-differenza tinsab tant għar-rapport interċedut kemm ukoll għall-effetti ċivili tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi tagħna, f'materja ta' dotazzjoni aħna nsegwu d-dritt antik, almenu għal dak li jirrigwarda l-obligazzjoni tal-ġenituri dwar il-kollokament tax-xebbiet. Infatti l-missier, u sussidjarjament l-omm u l-avi paterni u materni fil-każi espressi fil-liġi, huma ċivilment tenuti b'azzjoni li jik-

kostitwixxu dota lill-istess bintu (ara art. 33 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta), bħalma l-missier fid-Dritt Ruman, bla ebda obligu konvenzjonali, kien dejjem tenut jagħti d-dota lil uliedu bniet u kien obligat ukoll jara li jżewwiġhom, kif jista' jidher mil-liġi 19 ff. "de ritu nuptiarum", 23. 2, fejn jingħad :— "Qui liberos suos habent in potestate injuria prohibuerint ducere uxores vel nubere, vel qui dotem dare non volunt, ex constitutione divorum Severi et Antonini, per proconsules praesidesque provinciarum coguntur in matrimonium collocare et dotare. Prohibere autem videtur et qui conditionem non quaerit"; u mill-aħħar liġi kontenuta fil-"Codex" taħt it-titolu ta' "de dotis promissione" (ara dwar issistema tagħna kumment ta' l-Ordinanza I ta' l-1873 magħmul mill-Maġistrat Dr. Guglielmo Rapinett taħt l-artikolu 32, u Diritto Municipale kommentat minn Sir Antonio Micallef, Lib. II, Cap. II, § VI u ta' wara, Vol. I, paġina 343 u ta' wara, Edizzjoni Cumbo 1843). L-istess azzjoni però hija eskluża espressament dwar is-subien (ara art. 33 (1) tal-Kodiċi Ċivili); imma dina l-esklużjoni fis-sens li s-subien ma jistgħux ikollhom azzjoni kontra l-ġenituri tagħhom sabiex jobligawhom jagħtuhom xi ħaġa għaż-żwieġ jew b'titolu ieħor ma tfisserx li fil-każ ta' passaġġ effettiv volontarju anki għal dak il-fini, jew b'fini mhux kuntrarju għall-liġi, mill-parti tal-ġenituri lis-subien tagħhom, il-persuni l-ewwel imsemmija jkunu jistgħu jirreklamawha lura jew jirripetuha; il-għaliex dak li ma jkunux dovut ċivilment jista' jkun dovut naturalment. F'dan is-sens il-kodiċijiet kontinentali li ma jreġġux, jew ma jissanzjonawx ċivilment, il-kostituzzjoni tad-doti, isostnu normalment li l-pagament ta' xi ħaġa bħala dota mhux repetibili minn min għamlu, anki jekk ma jsirx fil-forma li trid il-liġi jew isir b'forma vizjata:

Illi t-tribun Joubert, fir-relazzjoni tiegħu "in subjecta materja", (ara Rapport numru 5 Locrè, t. VI, paġ. 206), jgħid ċar illi l-fondament ta' kwalunkwe obligazzjoni jirrisjedi fil-kuxjenza ta' min jagħmilha; id-dritt ċivili jintervjeni biss għall-forma tagħha; imma l-forma tista' biss tirriferixxi ruħha għall-azzjoni ċivili, u l-veru fundament ta' l-obligazzjoni jibqa' dejjem radikat fil-kuxjenza tal-kontraenti, u jekk jeżisti dak il-fundament, għalkemm tonqos il-forma, il-pagament li

jkun sar għandu jiġi konvalidat. L-obligazzjoni naturali hija vinkolu li jitnissel mill-ekwità, a differenza ta' l-obligazzjoni ċivili, li titnissel unikament mill-"vinculum juris" stabbilit mil-liġi pożitiva (ara wkoll "Dei Contratti e delle Obbligazioni in Generale" ta' Dr. Sigismondo Dimech, Edizione Cumbo 1861, pag. 404 u 405);

Dawna l-prinċipji ġew aċċettati mill-ġurisprudenza tagħna. Infatti f'sentenza maġistrali mogħtija minn dina l-Qorti fl-24 ta' Jannar 1887, u konfermata mill-Appell fil-31 ta' Ottubru 1887, fl-ismijiet "Filippo Magri et. vs. Filippo Gauci et." (Vol. XI, paġina 433, u in partikulari paġina 440), wara li giet ennunċjata d-differenza bejn obligazzjoni naturali u ċivili, intqal kattedratikament :— "Se adunque colui che ha ricevuto non aveva azione per costringere in giudizio colui che ha pagato (fil-każ in kwistjoni kienet tonqos il-forma għall-eżistenza ta' l-obligazzjoni ċivili), ma nel foro della coscienza costui sarebbe stato tenuto a pagare, questi non è fornito di azione per ripetere ciò che ha pagato, quantunque non sia civilmente tenuto. 'Naturales obligationes non ex eo solo aestimantur, si actio aliqua earum nomine competit, verum etiam eo si, soluta paecunia repeti non possit' (L. 10 Dig. de oblig. et act.)". L'obbligazione esiste sempre, quantunque non vi sia l'atto che la comprovi, od il creditore non abbia mezzi a provarla; essa è riposta nella coscienza, la quale è la base di ogni obbligazione; e se la coscienza spinge il debitore a pagare ciò che deve, non ostante che il creditore non abbia il diritto a costringerlo civilmente, sia perchè non v'ha legge civile che lo obblighi, sia perchè la legge politica esonera il cittadino, per i suoi fini particolari, dal dovere di adempiere quella convenzione, egli sempre adempie un dovere naturale, il quale non cessa di essere tale ed obbligatorio benchè non abbia la sanzione civile (ara fl-istess sens Prim'Awla Ċivili 6 ta' Mejju 1881, "Farrugia vs. Grexti", Vol. IX, paġina 415, u in partikulari paġina 416, colonna 1ma. in fine u colonna 2da.);

Illi in konsegwenza, kwantunkwe skond il-liġi kwalunkwe konvenzjoni matrimonjali (li fiha s'intendi ma jkunux imdaħħla immobili, għal raġunijiet differenti ben ċari) hija nulla jekk ma tkunx magħmula b'att publiku, il-promessa ta' dota determinata tikkostitwixxi, fl-ħsieb ta' dina l-Qorti, es-

senzjalment obligazzjoni naturali illi, skond il-liġi tagħna u dwar il-bniet, ġiet sanzjonata mill-liġi ċivili, u li kwindi hemm azzjoni ċivili sabiex tiġi kostitwita b'koerċizzjoni, b'mod li jekk min ikun obligat ġudizzjarjament jeżegwiha l-għaliex iħossu fid-dover naturali li għandu jagħmel l-effettwazzjoni tagħha, u jagħmlu anki mhux fil-forma li trid il-liġi, huwa ma jkollux imbagħad, wara l-eżekuzzjoni volontarja, dritt iragġa' lura dak li jkun għamel, jew jirripeti dak li jkun ħallas bil-kuxjenza li qiegħed jadempixxi dak li huwa dover ta' kwalunkwe axxendenti. Tant għandu jiġi desunt mill-art. 1064 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad li kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu, la taħt obligazzjoni ċivili u lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċeviha bla jedd, b'mod li min, xjentement jew bi żball, jirċievi ħaġa li tkun lilu ċivilment jew naturalment dovuta mhux obligat iroddha lura—prinċipju li huwa, dwar l-iżball u l-irripetibilità ta' adempiment ta' obligazzjoni naturali, ribadit fl-art. 1190 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi lanqas jista' jingħad li l-attur ma kienx jaf li, sabiex isseħħ l-obligazzjoni ċivili "de quo", kien hemm bżonn tal-kuntratt, il-għaliex ix-xjenza tiegħu tirriżulta mill-provi: u apparti dik ir-riżultanza, il-preżunzjoni hija li kulħadd għandu jkun jaf il-liġi, u kwindi kien jaf li huwa qiegħed jagħmel dak li għamel bħala li kien iħossu fid-dover naturali li jagħmlu;

Illi lanqas ma jista' jingħad li kien hemm indebitu arrikkiment fil-konvenuti, il-għaliex fejn il-ħaġa tkun dovuta u ma tkunx imħallsa bi żball ma jistax jingħad li min ikun irċieva dik il-ħaġa jkun b'hekk "cum alterius detrimento et injuria" arrikkixxa ruħu; kien ikun altrimenti kieku ma kienetx dovuta u kieku ġiet mogħtija bi żball. Dan huwa konsentaneu mal-prinċipji rumani "repetitio nulla est ab eo qui suum recepit" (L. 44 ff. de condict. indeb. 12, 6), u "damnum quod quis sua culpa sentit sentire non intelligitur" (L. 203 ff. de regulis juris);

Illi m'hemmx bżonn jingħad li sija jekk il-motiv ikun dak li bniedem jagħmel liberalità, kif dak li bniedem jagħmel dotazzjoni, l-obligazzjoni ma tistax tingħad li tkun "sine causa";

Illi d-diffikultà tal-meritu tissuggerixxi temperament fl-ispejjeż;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tgħid li l-attur ma jistax jirrepeti dak li huwa ta lill-konvenuti volontarjament; bħala li l-motiv li in bażi tiegħu sar il-passaġġ ta' l-oġġetti mobili in kwistjoni kien jikkostitwixxi, fl-assenza tal-forom legali, rapport ġuridiku ta' obligazzjoni naturali, u bħala tali irrepetibili, salvi lill-konvenuta d-drittijiet li għandha skond l-art. 57 (1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili Kap. 23 Edizzjoni Riveduta;

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-reġistru għall-attur.